# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Illum 2 ta' Gunju 2025**

**Rik. Gur.Nru.: 27/2025JPG**

**Kawza nru.: 17**

**IP**

**vs**

**MP**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors tal-attrici datat 22 ta' Jannar 2025, a fol 1, li jaqra hekk:

1. *Illi l-partijiet iżżewġu f'Malta fl-erbgha (4) ta' Dicembru tas-sena elf disa mija u tlieta u tmenin (1983) fil-knisja tal-Kapuccini il-Furjana, u dan kif jirriżulta miċ-ċertifikat taż-żwieġ, kopja originali hawn annessa u mmarkata bħala* ***DOK A;***

2. *Illi l-partijiet ilhom separati de jure mill-21 ta' Gunju tas-sena elfejn u sbatax (2017) u dan permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni vigenti bejniethom fl-atti tan-Nutar Dottor Liza Schembri, kopja originali tal-imsemmi kuntratt hawn annessa u mmarkata bhala* ***DOK B,*** *izda l-istess partijiet ilhom de facto separati mis-Settembru tas-sena elfejn u sittax (2016);*

3. *Illi kif jidher fl-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni personali, il-partijiet irrinunzjaw reċiprokament mid-dritt għall-manteniment mingħand xulxin u m'ghandhom ebda pendenza ma' xulxin rigward xi aspett patrimonjali;*

4. *Illi minn dan iz-zwieg twieldu zewgt it-tfal li issa huma adulti;*

5. *Illi m'hemm l-ebda prospett raġjonevoli għal rikonċiljazzjoni stante illi l-partijiet jgħixu ħajja totalment separata minn xulxin, f'residenzi differenti u mingħajr ma jikkomunikaw ma xulxin, kollox kif deskritt fl-anness affidavit tal-esponent hawn anness u mmarkat **'DOK C';***

6. *Illi għar-raġunijiet hawn fuq premessi, ir-rekwiżiti tal-Artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta huma kollha sodisfatti, skond kif tirrikjedi l-Liġi u kwindi m'hemm l-ebda impediment għall-ħall taż-żwieġ, u fic-cirkostanzi, mhux mehtieg li ssir medjazzjoni bejniethom;*

*Għaldaqstant l-esponent umilment jitlob bir-rispett illi a tenur tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha, prevja s-smiegh tal-partijiet kif mahsub fl-Artikolu 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, ukoll sabiex jigi stabbilit illi jezistu dawk il-kundizzjonijiet fl-imsemmi Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

1. *Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet skond l-artikolu 66D tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;*
2. *Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Civili sabiex f'terminu perentorju ffissat minn Din l-Onorabbli Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku ai termini tal-Artikolu 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijet ta' Malta.*

*Bl-ispejjeż.*

Rat illi r-rikors promotur, l-atti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti gew notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta tal-intimat datata 22 t'April 2025 (Vide Fol 13) li taqra hekk:

1.*Illi l-intimat jaqbel mat-talbiet tar-rikorrenti, u cioe' li dina l-Onorabbli Qorti tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet u dana ai termini ta' Artikoli 66B, 66C u 66D tal-Kodici Civili Kap 16, tal-Ligijiet ta' Malta;*

*2.Illi l-unika eccezzjoni li l-intimat ghandu x'jissoleva hija illi hu m'ghandux ibati l-ispejjez tar-rikorrenti ta' dawn l-odjerni proceduri;*

*3.Illi in oltre, l-istess intimat qieghed jipprezenta l-affidavit tieghu li jinsab hawn esebit u mmarkat bhala Dok MPI;*

*4.Illi, ghar-ragunijiet suesposti l-intimat jirrimetti ruhu ghas-savju gudizzju ta' dina l-Onorabbli Qorti ghat-talbiet kollha tar-rikorrenti.*

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat illi l-partijiet ddikjaraw li ma ghandhomx aktar provi x'jipproducu jew trattazzjoni ulterjuri x'jaghmlu u stiednu lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza. (Vide Fol 15)

**Ikkonsidrat:**

L-attrici xehdet (vide affidavit fol 8) u kkonfermat illi il-partijiet izzewgu nhar l-4 ta' Dicembru 1983 u li minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal li huma maggorenni. Iddikjarat illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni datat 21 ta' Gunju 2017 fl-atti tan-Nutar Dr Liza Schembri; Di piu', ikkonfermat illi ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni kif ukoll li ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

L-intimat xehed (vide Fol 14 ) u kkonferma u kkorrobora ix-xhieda ta' martu.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***
>
> ***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***
>
> ***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***
>
> ***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***
>
> ***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif***

***hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar l-4 ta' Dicembru 1983 liema zwieg jgib certifikat numru 2397/1983 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 4). Minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal, illum maggorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali, ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Liza Schembri datat 21 ta'Gunju 2017 (Vide fol 5 et seqq.). Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Il-partijiet affermaw illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 2397/1983 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**